

It-Tlieta 13 ta' Diċembru 2011

Nomina ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri (Is-Sur H.G. WESSBERG - SE)

P7_TA(2011)0559

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar in-nomina ta' Hans Gustaf Wessberg bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C7-0342/2011 – 2011/0807(NLE))

(2013/C 168 E/33)

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0342/2011),

— wara li kkunsidra l-fatt li, waqt il-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Novembru 2011, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sema' lill-kandidat propost mill-Kunsill għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0415/2011),

A. billi H.G. Wessberg jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE;

1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar il-proposta tal-Kunsill għan-nomina ta' Hans Gustaf Wessberg bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet ta' verifika tal-Istati Membri.

L-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni *II**

P7_TA(2011)0560

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni (15571/1/2011 – C7-0452/2011 – 2010/0802(COD))

(2013/C 168 E/34)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (15571/1/2011 – C7-0452/2011),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽¹⁾ dwar l-inizjattiva li ħarġet minn grupp ta' Stati Membri li tressqet lill-Parlament u lill-Kunsill (00002/2010),

⁽¹⁾ Testi adottati tal-14.12.2010, P7_TA(2010)0470.